MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 1302/2010

**Artikoli 214 u 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**SAVIOUR SAMMUT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SAVIOUR SAMMUT** ta' 48 sena, bin Abel u Dolores nee' Sapiano, imwieled ir-Rabat (Malta), nhar is-16 ta' Marzu, 1962, residenti gewwa fond No 41, Triq San Mikiel, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 201762(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli ghall-habta ta' xi d-09:15Hrs ta' nhar it-22 ta' Novembru 2010 gewwa dawn il-Gzejjer:-

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Psaila, jew igibilha disordni f'mohhha, liema hsara tista' ggib periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offizu dan skond ma ccertifikaw Dr Owen Mifsud MD (Reg No 2953) mic-Centru tas-

sahha tar-Rabat (Malta), u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Joseph Psaila u tapplika l-provvedimenti ta’ Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid a fol. 2, fedina penali a fol. 3, il-kunsens tal-Avukat Generali a fol. 4 datat 6 ta' Dicembru, 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, stqarrija mmarkata bhala Dok. 1 a fol. 12, certifikat mediku mmarkat bhala Dok. 2 a fol. 14 u okkorrenza mmarkata bhala Dok. 3 a fol. 15 et sequitur tal-Process.

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat li jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif registrat minnu nhar it-23 ta’ Marzu, 2011 meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 390(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (fol. 8).

Illi nhar it-23 ta’ Marzu, 2011 xehed l-**Ispettur Ramon Mercieca** u spjega li nhar it-23 ta’ Novembru, tas-sena 2010 ghall-habta tal-11.00 a.m. mar l-Ghassa tar-Rabat certu Saviour Sammut fejn dan ghamel rapport illi ftit tal-hin qabel gewwa ghalqa li hija proprjeta’ tieghu, proprjeta’ ta’ certu Joseph Psaila u hemm xi persuni ohra li

din l-ghalqa hija maqsuma bejniethom, kien hemm xi argument bejniethom u dan kien sofra xi griehi f'ghajnejh u konsegwenza ta' hekk kien hemm argument verbali bejniethom. Dan ta l-versjoni tieghu lis-Surgent, sakemm is-Surgent tal-Pulizija PS 163 Robert Azzopardi kien qed jipprova biex jaghmel kuntatt mas-Sur Joseph Psaila, minn jheddu s-Sur Joseph Psaila rraporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat, fejn qal il-versjoni tieghu tal-fatti u kien ipprezenta certifikat mediku li kien sofra xi griehi ta' natura gravi fuq wiccu. Kif ukoll is-Sur Sammut kien prezenta certifikat li kien sofra xi griehi ta' natura hfief.

Huwa sintendi rega' baghat ghas-Sur Saviour Sammut dakinhar stess fejn ghall-habta tat-3.00 p.m. huwa mar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fl-ufficcju fejn inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u rrifjuta dan id-dritt. Wara nghata s-solitu twissija fil-prezenza ta' PC 805 Ian Terrible fejn ghazel li jwiegeb ghad-domandi li kienu ser isirulu. Huwa beda jispjegalu illi kien hemm xi bicca art bejniethom u kien hemm xi kwistjoni fuq xi *pipe* li din il-kwistjoni civili qajmet dan l-argument. Huwa spejgalu li kien is-Sur Psaila kien l-ewwel li tah xi daqqa, imbuttah u dahhallu subajh f'ghajnejh u hu taht l-impressjoni biex jiddefendi lilu nnifsu fetah idejh u laqat lis-Sur Psaila u kkawzalu dawn il-griehi li s-Sur Psaila ghamel rapport fuqhom.

Fuq l-istqarrija huwa gharaf il-firma tas-Sur Sammut u kif ukoll gharaf hemmhekk fl-Awla, il-firma tieghu u l-firma ta' PC 805. Ipprezenta kopja ta' din l-istqarrija, li giet esebita u mmarkata bhala dokument numru 1, kopja li ghamel huwa stess tac-certifikat li kien irrilaxxa Dr. Owen Mifsud lis-Sur Psaila li gie esebit u

mmarkat bhala dokument numru 2. Kopja tar-rapport li s-Sur Saviour Sammut ghamel lill-Pulizija, jidher l-investigazzjonijiet kollha li saru ukoll mis-Surgent meta kellem xi xhieda. Dan ir-rapport gie esebit u mmarkat bhala dokument numru 3.

In kontro ezami mistoqsi jekk esebiex certifikati tas-Sur Psaila spjega li certifikati tas-Sur Psaila biss kellu. Ghalkemm qal li seta' jivverifika li huwa li ra lis-Sur Sammut meta mar jaghmel ir-rapport, u li vera kellu dik id-daqqa f'ghajnejh li allega li ghamililu s-Sur Psaila meta dahhal subajh f'ghajnejh. Huwa spjega li kellem lis-Sur Psaila ukoll u spjega li ra x'kellu fuq imniehru dak li hemm deskritt fic-certifikat.

Illi nhar it-23 ta' Marzu, 2011 xehed **Dr. Owen Mifsud** u spjega li huwa jahdem fil-polyclinic tal-Mosta u tar-Rabat. Huwa spjega li ra kemm lill-imputat Saviour Sammut kif ukoll lil Joseph Psaila it-tnejn li huma. Huwa spjega li ra lil Saviour Sammut fit-22 ta' Novembru, 2010 fl-10.00 ir-Rabat Health Centre. Kellu hmura fl-ghajn xellugija, l-ebda probelma ta' vista, zewg girfiet fil-qurrija homor li ma kellhom bzonn l-ebda punti, girfa hamra taht l-ghajn xellugija li ma kellha bzonn l-ebda punti, girfa fuq il-wicc in-naha tax-xellug hamra li ma kellha l-ebda punti, girfa fuq ix-xuftejn taht l-imnieher li kienet hamra u ma kellha bzonn ebda punti u girfa u hmura gewwa ix-xoffa t'isfel fil-halq u ma kellhom bzonn l-ebda punti. In-natura tal-griehi kienu hafifa eskluzi komplikazzjonijiet. Esebixxa dan ic-certifikat li gie mmarkat bhala dokument numru 4. Huwa spjega li ra lil Joseph Psaila nofs siegha wara fl-istess Rabat Health Centre. Kellu ferita li kellha bzonn punti fuq l-imnieher, kellhu grif fuq l-imnieher taht l-ghajn xellugija bl-ebda bzonn ta'

punti, kellu girfa hamra fuq ix-xoffa li ma kelliex bzonn punti, girfa fuq it-tieni seba tal-id leminija ma kellhiex bzonn punti u selha superficjali hamra fuq il-minkeb tax-xellug li ma kelliex bzonn punti. Ikkonferma li fil-fehma tieghu n-natura tal-griehi ta' Psaila kienu serji peress illi kellu bzonn il-punti fuq imniehru. Dan ic-certifikat gie esebit u mmarkat bhala dokument numru 5. Huwa spjega li minn dak iz-zmien sa llum ma regghax ra lis-Sur Psaila.

Illi nhar it-23 ta' Marzu, 2011 xehed **Joseph Psaila** u spjega li l-mara tieghu hija kugina mas-Sur Sammut u flimkien ghandhom l-ghelieqi. Huwa spjega li l-imputat ghandu bicca raba u ried jaghmel il-madum quddiemha u huwa qallu li '*hemmhekk tieghu'*, fil-fatt huwa mar ghand Dr. Tony Abela, u fuq struzzjonijeit tieghu dan kiteb lis-sur Sammut  u talbu sabiex jiltaqghu fuq il-post.

Spjega illi xi hmistax, gimgha qabel l-imputat kien qallu biex inehhi *pipe* tal-ilma li kien pogga l-kunjatu tieghu xi erbghin sena qabel  minn fuq il-bejt tieghu. Huwa kien qallu sabiex itih ftit tac-*chance* sabiex jghid lill-*plumber* u jnehhih ghalkemm kien fil-propjeta' tieghu. Huwa ghamel hekk u nehhih u ghaddieh minn fuq prorpjeta' ta' kugin iehor certu Pawlu. Huwa mbaghad mar u sab il-*pipe* maqsum.

Huwa spjega li qabel ma mar fuq il-post filghodu ltqaghu hdejn il-Cross Road Bar, ir-Rabat, waqt li huwa kien qed jghabbi lit-tfal tal-iskola bil-*minibus*. Qasamlu t-triq qabad joffendih u jghajjat u jaghmel is-sinjali minn naha l-ohra tat-triq, minn fejn il-Cross Road u huwa mar ghamillu rapport l-Ghassa. Imbaghad ghadda l-hin saru

xid-9.00 a.m., kellem lil Paul l-ewwel kugin tal-mara, l-ex Assistant Kummissarju, kelmu normali u baqa' sejjer ghall-bicca tieghu. Huwa spjega li Paul Sammut ghandu l-bicca tieghu ukoll, ghax kulhadd ghandu l-bicca tieghu.

Ix-xhud zied jghid li mbaghad mar fil-proprjeta' tieghu u jara l-ilma niezel u jmiss il-pajp u jara il-*pipe* maqsum. Huwa ghalhekk mar biex jghalaq il-*main* ghax il-*main* barra fil-*gate* qieghed u huwa u sejjer, dakinhar kien gej tal-ilma ezatt. Huwa jiltaqa' mal-imputat izda ma tkellmux. Jispejga pero' li l-imputat mar minn warajh jghajjat u jidghi u huwa dar fuqu u qallu '*hallini Salv tkellimnix lili, ma irridx kliem, xejn*' u dak il-hin l-imputat qabad jaghtih minn wara. Giriflu wiccu nsomma, huwa pprova jinqala' minn mieghu, spjega li ghandu erbgha u hamsin sena, itwal minnu u spiccaw hekk imqabdin f'xulxin.

Jghid li kulma ghandu bhala proprjeta' hija bicca kbira daqs l-Awla bhala daqs speci ta' BBQ *area,* ghamilha bil-madum pulita, ghandu forn tal-hatab u l-Hadd jiltaqghu hemm, ghamel bicca *pool* tal-*plastic* lit-tfal. Mistoqsi li semghu jghajjat u x'diskors qal huwa spjega li daghha.

Mistoqsi x'ghamel dak il-hin huwa spjega li bizejjed jghid li l-imputat beda joffendih bil-karkassi li baqa' minn ommu u missieru, u dawn il-kliem weggghuh. Jghid li huwa ghamel 27 sena Pulizija, u ghalhekk id-dagha ma jbezzghux imma certu kliem iweggghu. Qal li huwa pprezenta diversi rapporti fil-konfront tal-imputat izda peress li din id-darba sawtu hass li kellu jipprocedi bil-Qorti ghax iz-zejjed kollu zejjed. Mistoqsi x'ghamel l-imputat wara li beda

jidghi u juza kliem hazin qal li in segwitu mar u qabad jaghtih minn wara u hu beda jipprova jilqa'. Imbaghad waqghu fl-art u s-Sur Pawlu Sammut mar jifridhom. Qal li s-Sur Paul Sammut ra kollox.

Imbaghad huwa mar ghand it-tabib Mario Scerri u dan ghamillu rapport. Hadlu ritratti u huwa spjegalu dak li kien gara dakinhar stess filghaxija. Esebixxa dan ir-rapport mediku li gie mmarkat bhala dokument numru 6. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa l-persuna li lilu aggreditu, qieghedx jaghrfu huwa wiegeb iva u ndika lil-imputat.

Illi nhar it-28 ta' Marzu, 2011 rega' xehed **Joseph Psaila** u mistoqsi jekk meta wasal fuq il-post u ltaqa' ma' Paul Sammut waqt l-incident kienx hemm iktar nies jikkonferma li ma kien hemm hadd aktar.

Illi nhar it-23 ta' Marzu, 2011 xehed **Paul Sammut** u gie mistoqsi jekk nhar it-22 ta' Novembru, 2010 assistiex ghal xi incident spjega li kienu xi d-9.00a.m. kien qieghed l-ghalqa jizbarazza go fiha. Ftakar li ghall-habta tad-9.00a.m. kien mar Joe Psaila hdejh u kienu qed jitkellmu regolari u wara ra lis-sur Psaila  sejjer lejn il-propjeta' tieghu li qeghda qisu tul l-Awla bhala boghod jew daqsxejn iktar. Wara xi hames jew ghaxar minuti sema' xi tgedwid barra l-kamra, ittawwal minn go tieqa zghira u ra lil Joe Psaila u l-imsemmi Sammut li gharaf bhala l-imputat kienu qeghdin imqabdin f'xulxin, rahom minn go tieqa zghira. Hareg barra u sakemm hareg barra sabhom qedghin mal-art it-tnejn u ghamel dak li seta' biex firidhom u kulhadd telaq 'l hemm ghar-rasu. Lil Joe qallu '*ara kif ha tirrangaw, mur ghamel rapport l-ghassa  ghax ma*

*jistgħax ikun jigi fl-għalqa u l-ħin kollu jilletikaw*". Mistoqsi jekk meta qed jghid "*il-hin kollu tilletikaw*" jigifieri dakinhar stess jew fil-jiem ta' qabel spjega li kien jaf li hemm daqsxejn inkwiet bejniethom, u jghid li qabdu jaghtu fl-ghalqa taghhom, min beda ma jafx, huwa r-rwoll tieghu kien li pprova jifridhom u firidhom. Huwa li jixtieq li jirrangaw u mhux jiggieldu.

Illi nhar it-28 ta' Marzu, 2011 xehed **it-Tabib Dr. Mario Scerri** u kkonferma li kien ezamina lil Joseph Psaila nhar it-22 ta' Novembru, 2010 wara li dan allega illi kien qala' xi daqqiet fuq wiccu. Huwa ezaminah u hadlu xi ritratti, u kkonferma li kellu xi abbrazjonijiet fuq imniehru u kellu lacerazzjoni. Ikkonferma li bazikament medikament dawn il-griehi kienu ta' natura hafifa pero' il-lezjoni ta' fuq il-*bridge* tal-imnieher setghet tibqa' marka permanenti u allura tista' tkun ta' natura gravi. Huwa rega' ezamina lis-sur Psaila seduta statne u kkonferma li dik il-lezjoni li accenna ghaliha tidher minimament *from talking distance* u ghalhekk ghalkemm hija ta' natura gravi mhux daqstant gravi.

Illi nhar it-28 ta' Marzu, 2011 xehed **PS 163 Robert Azzopardi** u kkonferma li l-okkoreenza redatta minnu tinsab esebita fl-atti u markata bhala dok 3. Spjega li fit-22 ta' Novembru, 2010 ghall-habta ta' xi l-9.45 a.m. mar certu Saviour Sammut l-imputat fl-Awla jghamillu rapport illi waqt li kien fl-ghalqa tieghu fil-Buskett, mar certu Joseph Psaila biex ikellmu fuq xi kwistjoni li ghandhom fl-ghelieqi taghhom hemmhekk. Dan Saviour Sammut allega li f'xi hin minnhom Joseph Psaila hebb ghalih u meta staqsieh x'ghamel hu, dan qallu li ddefenda ruhu. Ghalhekk baghtu l-polyclinic tar-

Rabat fejn sussegwentement ipprezenta certifikat mediku li kien garrab griehi hfief.

Ftit wara mar minn jeddu l-imsemmi Joseph Psaila fejn mieghu gab certifikat li kellu griehi ta' natura gravi u meta staqsih x'kien gara, qallu li huwa kien mar l-ghalqa ghax kienu nfurmawh xi nies li kellu l-ilma hiereg ghax kellu xi *pipe* mqattgha u meta mar hemmhekk sab li fil-fatt veru kellu l-ilma hiereg u ssuspetta li setgha kien Saviour Sammut. Mar biex ikellmu dwar il-hsara li kien ghamillu u jghidlu li kien se jfittxu u x'hin sejjer 'l hemm Saviour minn warajh mar u hebb ghalih. Qal ukoll li f'hin minnhom mar certu Pawlu Sammut li kien prezenti u ferraqhom.

Huwa tkellem ma' dan Pawlu Sammut u kkonfermalu li hu kien fil-kamra tal-ghalqa tieghu ftit il-boghod, semgha xi strobju, ittawwal mit-tieqa tal-kamra tieghu u ra zewg irgiel imqabdin f'xulxin u hareg iferraqhom.

Illi nhar it-28 ta' Marzu, 2011 xehed **Joseph Psaila** riprodott u gie mitlub jispjega lill-Qorti bhal ma diga' kien ghamel quddiem il-Magistrat Scerri Herrera kif skond hu gie agredit minn wara u huwa spjega li filghodu kien tiela' bit-tfal l-iskola u waqaf quddiem il-Cross Road Bar jghabbi tifel. Spjega lill-Qorti li wasal fl-ghalqa bil-*minibus* tieghu u kien hemm bhas-soltu s-Sur Pawlu Sammut u hadu cafe' flimkien. Jghid li ftit qabel kien gie nfurmat

li ghandu l-ilma hiereg u huwa haseb li kien hiereg mit-tank. Huwa ghalhekk tela' u sab l-ilma hiereg u ghalhekk xtaq imur jaghlqu minfejn il-*gate* minn barra u huwa u sejjer u tiela' ir-rampa biex johrog il-barra ra lil Saviour Sammut u dan ipprova jghaddi u baqa' miexi. Zied jghid li mbaghad dan Sammut mar minn warajh u beda jghajjat u jidghi, u huwa qallu '*hallini lili tkellimnix'*, huwa ma kellmux, qallu biss '*issa naraw fuq l-ilma*' u mar minn warajh u qabad jaghtih u hu fih iktar minnu, giriflu wiccu u pprova jiddefendi ruhu kif seta' dak il-hin, bizzejjed jghid li joffendih bl-ghadam li fadal ta' ommu u missieru.

Gie mistoqsi jispjega kif aggredih minn wara u spjega li qabad jaghtih. Mistoqsi kif huwa ddefenda lilu nnifsu spjega li prova jilqa'. Jghidl li mbaghad spiccaw mal-art f'xulxin u mar Pawlu jifridhom. Sab id-demm hiereg u qaghad mal-hajt halli jara x'ghandu quddiem il-mera u sab farret, ma jafx x'gara u dak il-hin Pawlu qallu '*issa zzejjed mur ghamel rapport lill-Pulizija*'. Mistoqsi x'ghamel b'idejh kif hass lil Saviour Sammut warajh huwa spjega li x'hin l-imputat qabad jaghtih ipprova jghatti wiccu u ddefenda ruhu u dar hekk mal-kantuniera biex jipprova jinheba u gie wicc ma' wicc. Gie mistoqsi jghid x jifhem meta jghid ipprova jiddefendi lilu nnifsu jghid li pprova jilqa' id-daqqiet tal-imputat. Mistoqsi jekk tax bil-ponn huwa qal le.

Illi nhar it-23 ta' Jannar, 2012 xehed l-imputat **Saviour Sammut** u gie mitlub jispjega l-art mertu ta' dan il-kaz fejn qeghda u spjega li qeghda fil-limiti tal-Buskett. Din l-art ilha fil-familja minn qabel il-gwerra, xi 70 sena u allura missieru u hutu xi 40 sena ilu ftiehemu u jaqsmu l-art bejniethom ghax kienu qeghdin erbgha ahwa. Il-parti

ta' l-art ta' missieru kienu qasmuha xi hmistax-il-sena ilu, bejn it-tlett ahwa li huma tlett ahwa ahna u qasmuha kif kienu ftiehmu huma. L-art tikkonsisti f'raba u mbaghad hemm razzett u qieghed maqsum bejniethom. Bejn it-tlett zijiet l-ohra u missieru, kulhadd ghandu l-parti tieghu, kulhadd jaf fejn ghandu tieghu u fejn m'ghandux. Huwa spjega li s-Sur Psaila l-parte civile f'din il-kawza kien mizzewweg lill-kugina tieghu u ghandu l-qasma ma' taghhom ezatt, fejn ta' missieru.

Gie mistoqsi jekk hemmx kamra tas-Sur Psaila li qeghda biswit mal-kamra li juza hu spjega li iva hemm appogg. Gie mitlub jispjega lill-Qorti l-versjoni tieghu ta' dan l-incident u huwa spjega dak li gara. Qal li huwa kien qed jistenna lill-*meter reader,* missieru kien l-isptar u qallu '*stennih naqra, dan jigi jaqra l-arlogg tad-dawl u l-ilma'*, u kkonferma li gurnata ta' qabel kien qallu li ghandu kanna tal-ilma maqsuma fuq il-bejt, din kienet ilha hemmhekk hafna imma kien irranga. Kellhom kwistjoni ghax l-imputat qabad jaghmel l-affarijiet go tieghu u ghalhekk kien talab lill-parte civile sabiex inehhi x-xoghol li kien ghamel. Jghid li is-Sur Psaila ma kienx jersaq lejn dawn il-kmamar hafna u x'hin qallu biex inehhihom qisu beda bil-kummiedji. Huwa qaghad naqra lura minhabba missieru ghax ma riedx joqghod jinkwetah. Spjega li Psaila kien ghamel il-madum fil-parti tieghu u mbaghad Psaila qallu 'li *hemmhekk tieghu'* u qallu ukoll qallu '*inti x'tambih, la mintiex mizzewweg u m'ghandekx tfal'*. Huwa wiebu li missieru kien tahulu kollu u huwa ma jrid xejn minn ta' hadd.

Gie mitlub jispjega dakinhar tal-incident x'gara huwa spjega li huwa tela' fuq il-bejt, gurnata qabel qallu '*dik il-kanna ha tnehhija*

*ghax se jigu jahdmu fuq il-bejt, mhux se noqoghod nistaqsi lilek biex tnehhi l-kanna, kellek minfejn tghaddiha' tal-Acorn din il-kanna, tal-plastic, kien ghamilha ftit jiem qabel, qallu 'fil-kaz inehhija jiena'*. Gie mistoqsi dan id-diskors meta gara huwa spjega li gurnata qabel.

Kien l-isptar hdejn missieru u cempillu l-mobile u cempillu mill-Ghassa tar-Rabat u qallu '*ejja naqra s'hawn', qallu 'qieghed l-isptar, issa x'hin nitlaq nigi.*' Tela' u l-pulizija qallu '*inti kellimt lil Joe Psaila*' qallu '*iva, kellimtu dalghodu u qallu hekk, hekk u hekk'* bhal ma qal ezatt issa. Qallu '*jiena ghedtlu biex jaqla' l-kanna ta' fuq il-bejt li hemm go tieghi u jien se nhehhi l-affarijiet li hemm quddiem il-post halli ma noqoghdux bil-kwistjonijiet, hemm missieri l-isptar'*. L-ghada filghodu huwa tela' fuq il-bejt u mar qala' il-kanna ghax din hija mghoddija tempornaja ghal gol-ghalqa, nehhieha u baqa' gej l-ilma imma l-ilma tal-*gravity* li jkun hemm fil-kanna. Gie mistoqsi jekk hux l-ilma li kien ghandu fil-kanna biex jiftiehemu u huwa spjega li safejn jaf hu ghax il-*main* tal-arlogg qieghed fir-razzett. Cempillu darbtejn mill-Ghassa l-pulizija u qallu '*inti ergajt kellimt lil Joe?*' qallu le, "*qallu li kien ser ha jmur sal-Ghassa u jekk hemm xi problema ghajjat lilu ha jitkellmu hemmhekk.'* Qallu '*le tigux hawnhekk*', qallu '*ghaliex*?' qalli '*ghax ma rridx inkwiet hawnhekk jiena*', qallu '*mhux ahjar nigu hemmhekk, cempiltuli l-bierah, cempiltu dalghodu'* qallu '*insomma dak qal illi ghamiltu xi hsara'* u qata'. Imbaghad mar hu, jiltaqa' mieghu u l-pulizija qallu li Psaila kien irraporta li kien qalaghlu l-kanna u dahhallu subghajh f'ghajnejh, waqghu fuq xulxin u mbaghad gie xi hadd firidhom u dak il-hin ma' gharfux ghax kellu ghajnejh bid-demm u l-ohra bit-trab.

Dakinhar huwa hasel wiccu u cempel lill-Pulizija u qallu x'gara u mar l-Ghassa u x'hin dahal l-Ghassa qallu '*mur il-clinic ghax ghandek ghajnejk bid-demm'*. Tela' il-clinic, niezel u qallu x'hin ikollu cans jinzel sal-Hamrun ghax irid jaghmel l-istatement hemmhekk, tinzilx issa' hekk kien qallu. Gie mistoqsi jekk in konnessjoni ma' dan il-kaz apparti l-kawza tieghu, kien hemm xi kawza ohra huwa spjega li kien hemm kawza ohra fejn gie akkuzat li kellmu hazin meta fil-fatt ma kienx veru.

In kontro ezami mistoqsi jekk jaqbilx li kien hemm is-Sur Sammut l-ex AC li jigi minnu ukoll fuq il-post meta gie aggredit jghid li ma kienx rah qabel. Mistoqsi allura ghaliex ma kienx hu li mar l-Ghassa biex jirrapporta jghid li l-inwiet ma riedux minhabba missieru, ghax qeghdin hdejn xulxin ezatt, jghaddu mill-istess passagg kuljum u jekk jista' jkun u hu stenna lilu jmur u jghidlu '*hemmhekk all right, fejn hu tieghek tieghek u fejn hu tieghi tieghi'* li kulhadd jaf ghax ilu 40 sena. Gie mitlub jispjega l-griehi li garrab is-Sur Psaila a fol. 32, 33, 34 u 35 huwa spjega li l-griehi li ghandu s-Sur Psaila ghandu huwa ukoll u ghandu r-ritratti taghhom. Is-Sur Psaila dahhallu subajh f'ghajnejh kif qallu u huwa x'hin ghamel hekk beda jaghti b'idejh biex iqum minn tahtu. Huwa jaf li t-tabib Owen Misfud ikklassifika l-griehi tas-Sur Psaila bhala gravi u tieghu huma hfief ghax kien qallu t-tabib minhabba illi ghandu punt go mniehru. Gie mistoqsi jekk lill-Ex-AC qallux fuq dan l-incident kellmux dak il-hin huwa spjega li dak il-hin kulma qallu '*mur ahsel wiccek u mur ir-Rabat il-clinic'* ghax wara gharfu hu ghax dak il-hin ma gharfux. Gie mistoqsi jekk lis-Sur Sammut l-Ex AC qallux biex jevitaw il-kawzi kollha l-Qorti u jevitaw li jtelluh

xhud huwa wiegeb li ma kellmux minn wara l-incident, qatt ma qallu hekk.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef tal-21 ta' April, 2014.

Rat illi din il-kawza giet appuntat ghat-8 ta Mejju, 2014 quddiem din il-Qorti kif preseduta u l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma' ix-xhieda mill-gdid u d-difiza tablet differiment sabiex taghlaq il-provi taghha.

Rat illi fis-seduta sussegwenti u cioe' nhar id-19 ta' Gunju, 2014 l-avukat tad-difiza ma deherx u ghalhekk il-kawza giet differita ghat-tnejn u ghoxrin ta' Lulju, 2014 meta dakinhar xehed l-imputat.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 rega' xehed **Saviour Sammut** u spjega li huwa ghandu proprjeta' fl-akkwati fejn ghandu l-proprjeta' is-Sur Joseph Psaila l-kwerelant. Fil-fatt kien talab lis-Sur Joseph Psaila sabiex inehhi xi pajpijiet li huwa kellu fil-proprjeta' tieghu. Spjega li fil-fatt kien ilu ma jinzel xi sena u nofs u dan ghaliex kien hemm zmien meta kien imsiefer u kien hemm zmien meta ma xtaqx jersaq l'hemm.

Spjega li effettivament kien tela' fuq il-bejt tal-proprjeta' tieghu u kien sab *pipe* tal-*acorn* mghoddi minn fuq il-bejt tieghu u spjega li ma kienx marbut bil-*bracket*. Spjega li huwa ilu bit-tikketta mal-kwerelant Joseph Psaila mis-sena elfejn u hamsa (2005) u staqsih

ghaliex ma kienx irranga l-*pipe* meta effettivament kien irranga l-post. Huwa dakinhar qallu ghaliex ma kienx mar jghidlu u rrangah kif suppost peress li  ma kinux qeghdin jitkellmu.

Mat-tielet darba li kien qallu fuq dan il-*pipe* jaf li kien marlu l-Ghassa. Jaf li l-Pulizija baghat ghalih u staqsieh jekk effettivament kienx kellmu u qallu iva. Huwa fil-fatt lilu avzah li jekk ma kienx se jaqalghu dan il-*pipe* kien se jaqalghu hu u hu fil-fatt gholla jdejh u qallu aqilghu. Spjega li fil-fatt tela’ kien hemm vit ghalqu, hallih u waddab dan il-*pipe* ghal isfel. Xi kwarta wara jaf li cemplulu mill-Ghassa staqsewh jekk regghax tkellem mas-Sur Psaila u qallu li le ma kienx kellmu. Kien lest li jitla' sal-Ghassa r-Rabat. Qalilhom biex jibghatu ghalih u sabiex jitkellmu t-tnejn quddiemu.

Il-Pulizija pero' ma rieditx li huma jmorru jitkellmu quddiemha. Pero' jaf li xi kwarta jew nofs siegha wara dahal is-Sur Psaila. Niezel jghidlu li kien hemm l-ilma maghluq u jaf li dak il-hin qabad jirrabja u dahhal subajh f'ghajnejh. Jaf li dak il-hin is-Sur Psaila beda jirrabja mieghu. Una volta li dahhal subajh f'ghajnejh huwa mbuttah, u waqghu mal-art it-tnejn. Jaf li huwa gie fuqu u sussegwentement jaf li kien mar il-kugin taghhom biex ferraqhom li huwa Paul Sammut li xehed f'dawn il-proceduri.

Dak il-hin huwa cempel lill-Pulizija u spjegalhom x'gara u li effettivament kienu gew fl-idejn. Qallu biex imur hemmhekk,

baghtu l-Policlinic u f'xi hin wara nofsinhar jaf li cemplulu mill-Ghassa tal-Hamrun u hemmhekk iltaqa' mal-Ispettur Ramon Mercieca.

Spjega li effettivament qed jesebixxi fotokopja tac-certifikat u r-ritratti konnessi ma' dan l-incident. Fil-fatt m'huwiex qed jesebixxi dan ic-certifikat ghaliex diga' jinsab inserit fl-atti mmarkat bhala dokument 4 a fol. wiehed u ghoxrin (21). Pero' ir-ritratti li qed jesebixxi li huma tlieta (3) qed jigu mmarkati mill-Qorti bhala dokument CSH1, 2, 3 rispettivament.

Mistoqsi dakinhar tal-incident kienx iltaqa' mas-Sur Psaila xi post iehor spjega li le ma kienx u ma jidhirlux li huwa minnu dak li qed jigi ssuggerit lilu mill-Prosekuzzjoni li dakinhar filghodu kienu diga' iltqaghu u bdiet tishon il-bija. Il-*pipe* in kwistjoni mhux qalghu bil-goff jaf li jinhall u huwa hallu u dan qabel ghalaq il-*main* u waddab il-*pipe* ghal isfel.

M'huwiex minnu li huwa ta daqqa ta' ponn lis-Sur Psaila. Spjega li apparti din il-kawza ma kellux proceduri ohrajn fil-konfront tieghu. Pero' jaf li kien hemm kawza tad-Distrett fil-konfront tas-Sur Psaila.

Rat illi fil-25 ta' Awwissu, 2014 dehru l partijiet u trattaw il-kawza u talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat ukoll l-erbgha sentenzi esebiti mid-difiza inlinea mad-difiza taghha ta' legittima difesa, eccesso in legittima difiza u ta' provokazzjoni.

Ikkunsidrat.

Ili f'din il-kawza jidher li hemm dizgwid familjari bejn l-imputat u l-parte civile Joseph Psaila fuq kwistjonijiet ta' wirt stante li l-mara tal-parte civile hija parentata mal-imputat. Illi dakinhar tal-incident jidher li l-kwerelant sar jaf li l-*pipe* li kellu ghaddej fuq il-proprjeta' ta' missier l-imputat kien qed jaghmel l-ilma u mar sabiex jaghmel il- verifiki tieghu u jara x'kien dan il-kagun. Meta mar fuq il-post sab lill-imputat u ra li l-*pipe* in kwisjtoni kien imqaccat. L-imputat jaqbel li l-*pipe* qatghu hu u dan ghaliex kien ghaddej fuq il-proprjeta' ta' missieru u meta kien staqsa lill-kwerelant sabiex inehhih dan kien ghadu ma nehhihx.

Il-kwerelant jghid li l-imputat beda jidghi u jitkellem hazin u jinsulentah b'ommu u missieru u f'xi hin mar u hebb ghalih u spicca mal-art. Jirrizulta li fil-vicinanzi kien hemm Paul Sammut li kkonferma li ra lill-imputat mal-at fuq l-kwerelant u li kien hu li

firidhom. Ghalkemm mistoqsi sabiex jitfa' dawl fuq kif beda l-incident jghid li kien go kamrin fil-prorpjeta' tieghu ftit imbeghda mill-proprjeta' tal-imputat u tal-parte civile u sema' xi ghajjat u meta hares il-barra rahom fl-idejn u ghalhekk mar u ntervjena biex iwaqqafhom.

Ikkonferma li kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile kellhom xi griehi pero' jghid li dak il-hin dar fuq l-imputat u qallu issa bizzejjed u qal lill-kwerelant sabiex imur jaghmel rapport l-Ghassa. Dan huwa ndikattiv li ghalkemm ma riedx jixhed fuq dak li ra ghaliex huwa parentat mal-partijiet u ghalhekk wisq probabbli hassu mhux proprju li jixhed xorta ta' imbekkatura lill-kwerelant meta qallu sabiex imur jaghmel rapport. Minn naha l-ohra l-imputat jghid li ma marx jaghmel rapport sabiex ma jinkwetax lil missieru li kien l-isptar ghalkemm jirrizulta li bejn il-partijiet kienu ilhom bit-tiketta.

Il-prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Dr Mario Scerri li kien xhud li ezamina lill-kwerelanti. Dan spjega li s-Sur Psaila kellu bzonn punt fuq il-bridge ta' imniehru u ghalhekk il-ferita setghet kienet gravi pero' meta xehed il-Qorti jghid li minn distanza normali din baqghet tidher minimament ghalkemm iklassifika il-ferita bhala gravi.

Din il-Qorti ma kintix f'posizzjoni li tara l-ferita tal-kwerelant meta ezaminaha Dr Scerri u ghalhekk trid toqghod biss fuq dak li qal Dr

Scerri. Jinghad ukoll li Dr Owen Agius li ukoll ezamina lil Joseph Psaila ukoll ikklasifika l-ferita li kellu Psaila fuq imniehru bhal ta' natura gravi ghaliex kellha bzonn punt. Jinghad li ghalkemm il-fatt li ferita jkollha bzonn punt mhiex fattur sabiex jigi stabbilit jekk il-ferita hiex gravi jew le jinghad li jekk ikun hemm sfegju fil-wicc u fuq l- imnieher huwa parti mill-wicc dak jikkostitwixxi ferita gravi u f'dan il-kaz stante dak li qal Dr Scerri li l-ferita tidher minn distanza normali allura m'hemmx dubju li l-ferita hija wahda gravi.

Mhux kontestat li l-feriti li kellu Psaila gew kagunati minn l-imputat waqt li kienu fl-idejn u li l-imputat ukoll kellu xi feriti fuq il-persuna tieghu ghalkemm ta' portata izghar.

Illi in vsita ta' dan kollu li inghad din il-Qorti trid tara jekk ghandhiex tilqa' fl-ewwel lok l-eccezzjoni tad-difiza tal-legittima difeza.

Illi pero', l-imputat qajjem id-difiza ta' legittima difesa kif kontemplata fl-**Artikolu 224 tal-Kap. 9.**

Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-

legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu mminenti. Fil-fatt l-**Artikolu 223** tal-Ligijiet ta' Malta, jghid:

"*Ma hemmx reat meta omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih innifsu.

L-A**rtikolu 224 tal-istess Kap. 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

L-origini tal-**Artikoli 223 u 224** tal-Kodici Penali ghandhom l-origini taghhom fil-**Codice delle Due Sicilie u l-Kodici Franciz.** Dan jirrizulta mir-rapport tal-Kummissarju Andrew James li gie ppresentat lill-Gvern meta kienu qed jigu promulgati dawn l-artikoli fil-Kodici taghna. Fil-fatt fir-**Rapporto sui progetti di legge penali e di organizzazione e procedura penali per l'Isola di Malta (30/05/1835)** a fol. 2 insibu referenza ghal dawn l-artikoli u cioe':

"*Essa non e altro nella sua generale sostanza che il Codice Penale per lo regno delle Due Sicilie, il quale Codice si per essere redato nella lingua italiana, come per altre molte valevoli considerazioni, e' quello che meglio di ogni altra, giudichiamo poteva esservi adattato. Essendo poi lo stesso Codice Siciliano non altro che il Codice Penale Francese.*"

Illi ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kommentaturi fuq dawn iz-zewg Kodici b'referenza ghal dawn iz-zewg artikoli.

Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi, u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li ghamel l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-aggressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-**Professur Mamo** jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed irid ipoggi lilu nniffsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit, f'dan il-kaz b'mus mid-distanza li kien u cioe' tant vicina. Huwa mportanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il diretto preso di mira un pericolo attuale. Il Codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rilieva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e il pericolo presente'* (**Manuale di Diritto Penali - Parte Generale - pg. 261**).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pt iv pg. 734, deciza fis-sittax ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggressjoni trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione di Roma tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 1978 (Analizi della Giurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale - pg. 56):**

*"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell'agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

F'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fil-**<u>HM Advocate vs Kizileviczius</u> 1983 JC (A Casebook of Scottish Law )** pg 347 - li :

*"To reach the first result, that is to say the result of complete acquital, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of*

*escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assualts were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli.

Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jittratta biss fuq "offiza".

Skond **Antolisei** "*l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto*". Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, **Manzini** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale (parte generali pg. 358)** jghid:

*"La giustificante dell articolo 52 (which corresonds to our Sec 223) non e affalto condizionale alla irreparabilita del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e d'ingiusta attesa."*

**Il-Professur Mamo jghid:**

*"The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent."*

Dwar il-kwistjoni tal-inevitabilita' fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb,** il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma mehtiega biex tigi akkordata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita', u minghajr Il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jinghata din l-iskriminanti.

Infatti f'**Analizi della Giurisprudenza Italiana** (pt 4, pg. 32 - Roma - 25/01/1898) gie deciz li:

*"Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro modo che col ferire ed uccidere l'aggressore."*

Sabiex Il-perikolu jfisser ‘situazione inevitabile’, il-perikolu jrid ikun "*sudden*" u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe’ li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma *necessitas est lex*.

Fil-fatt gie deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Micallef** (vol XXXIX pg 1072) li:

*“Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lil minn jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta’ tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta’ u in difesa attwali taghha.*"

Fil-fatt **Canofari**, **Il Commentatario al Codice Penali delle Due Sicilie** (pg. 204 - lib 11- titole VIII) dwar l-artikolu 373 tal-**Codice delle Due Sicilie** li jikkorrispondi ghall-**Artikolu 223** tal-Kap. 9, jghid:

*“La legge e protettrice della difesa privata non della privata vendetta; ella protegge le impulsioni della natura nei momenti della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato.”*

L-aggressjoni trid tkun <u>assoluta</u> cioe' kif jghid **Carrara** (pg. 209 - 306 ***Programma***):

*"Cioe che nel momento stesso del <u>pericolo</u> non posso questo declinarsi con <u>altri mezzi innocenti</u>. Tali mezzi si riducono alle preghiere, all'acclamazione alla fuga."*

Skond **l-Imhallef Harding,** kif gie deciz fil-kawza fuq imsemmija **<u>Il-Pulizija vs Toni Micallef,</u>** ir-rekwizit tal-gravita' jesigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Issa jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju dak li ghamel l-imputat fid-dawl tas-suespost, ikun konvint li huwa agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa ddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli, stante li l-aggressur tieghu kellu mus u kien ser jaggredih bih peress li ma kienx ghadu thallas lura t-tmenin lira Maltin li kien silef lill-imputat. L-imputat irreagixxa bl-istess mod li kien affrontat bih.

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument, cioe' irrabjat u ried jagredixxi. Illi din is-sitwazzjoni holoqha l-imputat, bl-attitudini u aggressivita' tieghu u ghalhekk ma jistghax issa jippretendi li l-Qorti tilqa' l-ecezzjoni tal-legittima difesa.

Fl-ahharnett biex l-imputat ikun jista’ jigi gustifikat ghal kollox fid-difisa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu kif effettivament ittenta jaghmel.

Illi din l-Qorti ma thossx li l-imputat agixxa in legitima difesa ghaliex huwa qatt ma kien affrontat b’xi perikolu mminenti u attwali u ghalhekk tali difiza qed tigi micħuda.

Id-difiza qajmet ukoll id-difiza tal-provokazzjoni f'kaz li l-Qorti ma laqghetx id-difiza tal-legittima difesa. Il-Qorti thoss li dawn iz-zewg difizi mhumiex konsegwenzjali ghal xulxin, huma differenti ghaliex waqt li sabiex jissussisti n-necessita' attwali huma mportanti li dak li jghid l-imputat inghad biex jippreserva kull dritt kontra perikolu mminenti, waqt li l-provokazzjoni jippressupponi reazzjoni kawzata minn rabja u agir subitaneo karatterizzata bi tpattija u mhux difiza.

**Manzini jghid:-**

*“L’ommissione dell'uno importa l'esclusione dell'altra, senza obbligo per il giudice d'esporre la ragione della esclusione, in quale la prima (i.e. la legittima difesa) esige la necessita di difendere un*

*diritto, mentre la vendetta caratteristica della seconda, non e mai necessaria e non e difesa dei diritti.”*

Fil-fatt, il-provokazzjoni huwa ammess bhala fattur mitiganti minhabba l-fatt li l-agent meta kien qed jagixxi, tilef il-kontroll ordinarju tieghu nniffsu minhabba l-passjoni kreata mill-att provokattiv tal-agent li gieghlu jsir inkapaci li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu li hu mportanti u ghalhekk agixxa b'dak il-mod. Fi kliem **Manzini** (vol 2, pg. 240 - ***Diritto Penale***) -

*“In uno stato di ira determinata da un fatto ingiusto altrui...*"

Il-**Profs Mamo** fuq tali skuzant, cioe’ l-provokazzjoni, jghid:

*“Now in regard to all cases of provocation…it is expressively laid down that they shall not avail the offender unless they shall have taken place at the time of the act in excuse whereof they are pleaded.*” (Pg 242 Notes on Criminal Law).

Ovvja ukoll, illi l-azzjoni tal-imputat, barra li tkun issegwi l-provokazzjoni li allura lejha rreagixxa, trid tkun proporzjonata ghaliha. Verament, kif jispjega l-istess Profs Mamo:

*“Everything depends on the state of mind of the agent ….those who have to judge must not let themselves be guided by calm wisdom after the event, based on a two minute assessment of the record of evidence –but should judge according to the psychological condition of the agent at the time of the fact and according to what the impression caused on him by the imminent danger permitted to discern and to do.”* (p. 239)

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella et** fid-dsatax ta' Frar, 1998, fejn elaborat fuq id-differenza ta' dawn iz-zewg difizi u cioe’ dik ta’ provokazzjoni u dik ta’ *self defence*.

Kif jghid **Hart** fil-ktieb tieghu ***Punishment and Responsibility:***

*"Provocation is therefore considered as a good enough reason for a diminutiv of punishment because the agents ability to control his action is thought to have been impared or weakened othewise then by his own actions so that conformity to the law which he had broken was a matter of special difficulty for him, as compared with normal persons, normally placed.*"

Issa fil-kaz in desamina ma jidhirx li l-kwerlant f xi hin ipprovoka lill-imputat anzi adirittura jidher li kien l-imputat li qabad u hebb ghall-imputat meta dan ma kienx nehha l-*pipe* u mar ikellem lill-imputat minhabba li kellu suspett fih. Ma jidhirx li kien l-kwerelant li beda il- glieda u allura kien ikun il-kaz forsi li tilqa' l-eccezzjoni tal- provokazzjoni anzi jidher car li kien il-kwerelant li laqa' id-daqqiet tal-imputat li dak il-hin kien ifferocjat minhabba l-kwistjoni tal-ilma.

**Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati talli kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Joseph Psaila u wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' 214 u 216 (1) ( b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tikkundannah piena karcerarja ta' tlett xhur liema perijodu qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------